

Brussell, 7 ta' Lulju 2023  
(OR. en)

11645/23

ENER 437  
ENV 830  
TRANS 303  
ECOFIN 760  
RECH 346  
CLIMA 348  
IND 377  
COMPET 743  
CONSOM 272  
DELECT 95

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 4376 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 4.7.2023 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2402 fir-rigward tar-rieżami tal-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku u s-sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 4376 final.

Mehmuż: C(2023) 4376 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.7.2023  
C(2023) 4376 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 4.7.2023**

**li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2402 fir-rigward tar-  
rieżami tal-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata  
tal-elettriku u s-sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament  
Ewropew u tal-Kunsill**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

#### **Ir-raġunijiet għar-Regolament Delegat u l-oġġettivi tiegħu**

Skont id-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija<sup>1</sup> (EED), l-impjanti ta' sħana u enerġija kkombinati (CHP) iridu jipprovdu ffrankar tal-enerġija primarja (PES) ta' aktar minn 10 % għal skemi li huma oġġla minn 1 MWe (jew aktar minn 0 % għal skemi żgħar b'kapaċità ta' anqas minn 1 MWe) sabiex jitqiesu bħala impjanti tas-CHP b'effiċjenza għolja, meta mqabbla ma' ġenerazzjoni separata tal-elettriku u tas-sħana.

Il-kalkolu tal-PES jirrikjedi valuri ta' effiċjenza ta' referenza għall-ġenerazzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku. F'konformità mal-Artikolu 14(10) u mal-Anness II(f) tal-EED, il-Kummissjoni hija responsabbli biex tikkummissjona ħidma sabiex jiġu stmati dawn il-valuri abbażi tad-*data* operazzjonali. L-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tirreżamina dawn il-valuri ta' referenza huwa previst fl-Artikolu 22(1) tal-EED.

Il-valuri ta' referenza ġew stabbiliti għall-ewwel darba fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/74/KE<sup>2</sup>. Dawn il-valuri jridu jiġu aġġornati regolarment biex jirriflettu l-iżviluppi teknoloġiċi u ġew rieżaminati darbtejn: fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/877/UE<sup>3</sup> u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2402<sup>4</sup>. Il-valuri ta' referenza f'dan l-Att Delegat huma bbażati fuq studju kkummissjonat mill-Kummissjoni "Review of the Reference Values for High Efficiency Cogeneration (2022-2025)" (Rieżami tal-Valuri ta' Referenza għall-Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja (2022-2025))<sup>5</sup>.

L-Att Delegat isegwi l-prinċipji ġenerali li joriġinaw mid-Direttiva 2004/8/KE fuq il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern tal-enerġija<sup>6</sup>, li rrikjedew l-armonizzazzjoni tal-valuri ta' effiċjenza ta' referenza għall-elettriku u għas-sħana sabiex il-valur ta' referenza għal fjuwil partikolari u għal sena partikolari ta' kostruzzjoni japplika għall-Istati Membri kollha madwar l-UE. Dan ir-rekwiżit huwa stabbilit fl-Anness II tal-EED.

Barra minn hekk, il-valuri ta' referenza jridu jkunu bbażati fuq *data* operazzjonali f'kundizzjonijiet realistiċi għall-impjanti mibnija mis-suq, u mhux fuq informazzjoni pprovduta mill-manifatturi, *data* dwar id-disinn jew proġetti ta' riċerka. Diversi fatturi jistgħu jikkawżaw differenzi bejn id-*data* tad-disinn u dik operazzjonali, bħal varjazzjonijiet fil-profil tat-tagħbija, degradazzjoni tal-prestazzjoni maż-żmien, eċċ.

Ir-Regolament Delegat jissostitwixxi l-Annessi I, II u IV tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2402. Id-dispożizzjonijiet l-oħra fir-Regolament ma jinbidlux, peress li jibqgħu rilevanti għall-oġġettivi tar-Regolament u konsistenti mal-aħħar studju biex jiġu rieżaminati l-valuri ta' referenza għall-produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku.

#### **Aspetti ambjentali**

L-emenda tar-Regolament hija konformi mal-għanijiet tal-politika dwar l-enerġija u l-klima għall-2030. Il-koġenerazzjoni hija l-aktar teknoloġija effiċjenti għal ġenerazzjoni simultanja

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.)

<sup>2</sup> ĠU L 32, 6.2.2007, p. 183.

<sup>3</sup> ĠU L 343, 23.12.2011, p. 91.

<sup>4</sup> ĠU L 333, 19.12.2015, p. 54.

<sup>5</sup> <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/core/api/front/document/90120/download>

<sup>6</sup> ĠU L 52, 21.2.2004, p. 50.

ta' sħana u elettriku, li kapaçi twassal iffrankar tal-enerġija primarja u benefiċċji ambjentali b'mod kosteffiċjenti. Bl-emendi, l-investimenti fil-koġenerazzjoni li jużaw fjuwils fossili likwidi jew solidi<sup>7</sup> se jiġu evitati f'faċilitajiet ġodda ta' koġenerazzjoni. L-uniku fjuwil fossili li jista' jintuża f'impjanti ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja huwa l-gass naturali. F'xenarji fit-tul dwar il-klima u l-enerġija<sup>8</sup>, instab li l-użu tal-gass naturali fil-koġenerazzjoni huwa kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika sal-2050 u mal-miri tal-Unjoni għall-2030.

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

### Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

Peress li hija ta' natura teknika, dan ir-Regolament Delegat ma kienx jeħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-impatt jew konsultazzjoni pubblika miftuħa qabel l-emenda tal-Att, kif inhu l-każ għall-inizjattivi ewlenin.

L-istudju msemmi hawn fuq tnedja f'Marzu 2021 biex jiġu rieżaminati l-valuri ta' referenza għall-produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ġew mistiedna, permezz tal-Kumitat tal-EED, jipparteċipaw u jipprovdu informazzjoni. Matul l-istudju ġew organizzati tliet workshops tal-partijiet ikkonċernati online, fil-15 ta' Ġunju, fis-27 ta' Settembru u fit-2 ta' Diċembru 2021 rispettivament.

### Sommarju tat-tweġibiet u kif tqiesu

L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati għamlu diversi kummenti u suġġerimenti dwar ir-riżultati tal-istudju matul id-diskussjonijiet li saru fil-workshops imsemmija hawn fuq, jiġifieri li:

- Il-prinċipju li l-valuri ta' referenza jiġu stabbiliti għall-kategoriji kollha ta' fjuwil individwalment, u b'hekk jippermettu li jsir tqabbil bejn prodotti simili biex jiġi ddeterminat l-iffrankar tal-enerġija primarja mill-unitajiet ta' koġenerazzjoni, għandu jtkompla. Il-valuri ta' referenza għall-impjanti tal-enerġija tal-gass naturali ma jistgħux jinkisbu għall-impjanti li jużaw fjuwils fossili solidi u likwidi.
- Xi teknoloġiji bħall-impjanti taċ-Ċiklu Rankine Organiku (ORC) li jużaw ċelloli tal-bijomassa u tal-fjuwil għandu jkollhom valuri ta' referenza speċifiċi taħt il-kategoriji tal-fjuwil.
- Għall-impjanti ta' koġenerazzjoni li kapaçi jipprovdu servizzi tas-sistema tal-elettriku permezz tal-operat flessibbli tagħhom, għandhom jiġu stabbiliti valuri ta' referenza aktar baxxi.
- Għal xi sorsi tal-enerġija, bħall-bijomassa, l-idroġenu, il-fjuwils elettroniċi, l-iskart u s-sħana mormija, saru kummenti dwar il-valuri ta' referenza proposti, l-aktar minħabba l-livelli u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Pereżempju, ġie ssuġġerit li:
- L-impjanti tal-ORC li jużaw il-bijomassa għandu jkollhom subkategorija separata b'valuri ta' referenza aktar baxxi;
- L-impjanti tal-bijoenerġija b'kapaċità ta' anqas minn 20 MW<sub>el</sub> għandu jkollhom valuri ta' referenza aktar baxxi;

<sup>7</sup> Ħlief l-iskart u r-residwi mhux rinnovabbli.

<sup>8</sup> SWD(2020) 176 final

- Iċ-ċelloli tal-fjuwil għandu jkollhom il-valuri ta' referenza tagħhom stess;
- Jenħtieġ li l-idroġenu nnegożjat ikollu l-istess valuri ta' referenza applikati għall-idroġenu meta dan ikun prodott sekondarju tal-attività ewlenija;
- Il-valur ta' referenza tal-enerġija attwali għas-šhana mormija ta' 30 % huwa għoli wisq għal xi applikazzjonijiet.
- Jenħtieġ li jiġi introdott approċċ aktar elaborat għall-fatturi ta' korrezzjoni fuq ir-ritorn tal-kondensat. Il-fwar jista' jkun wieħed mill-outputs għall-konsumaturi industrijali. Meta dan jiġi rritornat mill-konsumaturi, jiġi lura bħala ilma (kondensat) li xorta jkollu madwar 10–16 % tal-enerġija totali miżmuma oriġinarjament fil-fwar. Għalhekk, ir-ritorn tal-kondensat jimmassimizza l-estrazzjoni tal-enerġija mill-fwar biex itejjeb l-effiċjenza filwaqt li jnaqqas ir-rekwiżiti tal-input.

Bħala riżultat ta' dawn is-suġġerimenti:

- Fir-rapport tal-istudju ġew ipprovduti kjarifiki addizzjonali biex jiġi spjegat l-isfond sabiex jintuża valur ta' referenza uniku għall-fjuwils fossili kollha u approċċ teknoloġikament newtrali fl-istabbiliment tal-valuri ta' referenza.
- It-tħaddim flessibbli tal-impjanti ta' koġenerazzjoni ma jiġix ikkunsidrat, meta jiġi kkalkolat l-iffrankar tal-enerġija primarja.
- Dwar il-kummenti relatati mal-valuri ta' referenza applikabbli għal sorsi individwali tal-enerġija, ġew ipprovduti kjarifiki addizzjonali. Għall-valur ta' referenza propost għas-šhana mormija, il-valuri ta' referenza tnaqqsu għas-šhana mormija għal temperatura ta' inqas minn 200 °C.
- Dwar ir-ritorn tal-kondensat, ġie propost li l-approċċ attwali li bih l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar il-metodi nazzjonali tagħhom biex jindirizzaw ir-ritorn tal-kondensat ma għandux jinbidel.

L-abbozz tal-proposta ġie ppubblikat għall-feedback tal-pubbliku fuq il-Portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar mit-2 ta' Diċembru 2022 sat-30 ta' Diċembru 2022. B'kollox, daħlu 14-il tweġiba: tmienja minn assoċjazzjonijiet tan-negożju (inkluż erba' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-membri tagħhom fil-livell tal-UE), tnejn minn kumpaniji individwali, tnejn minn awtoritajiet pubbliċi, waħda minn NGO u waħda minn ċittadin tal-UE. Fost ir-rispondenti, l-aktar Stati Membri rrappreżentati kienu ċ-Ċekja (erba' tweġibiet), il-Polonja (tlieta) u l-Finlandja (tnejn). Fil-kummenti, intalbu kjarifiki jew bidliet addizzjonali:

- Għall-impjanti ta' koġenerazzjoni li jaħdmu bi fjuwils fossili solidi u likwidi u li fl-2024 se jkunu ilhom stabbiliti aktar minn 10 snin, japplikaw il-valuri ta' referenza li kienu fis-seħħ sa Diċembru 2023 (minn disa' rispondenti).
- Din il-kwistjoni diġà hija regolata biżżejjed fl-att delegat, jiġifieri fl-Artikolu 3(2). Skont dan il-paragrafu, il-valuri ta' referenza l-ġodda applikabbli mill-1.01.2024 se japplikaw għall-unitajiet ta' koġenerazzjoni li mill-1.01.2024 se jkunu ilhom stabbiliti 10 snin jew aktar. Għalhekk, huma biss l-unitajiet ta' koġenerazzjoni li jużaw fjuwils fossili solidi jew likwidi u kkummissjonati wara l-2020 li se jkunu l-aktar affettwati. Madankollu, f'ħidma preparatorja ta' dan l-att delegat, tali unitajiet ma ġewx identifikati minkejja l-isforzi biex jinstabu.
- Il-premessa li tispjega l-użu ta' valuri ta' referenza għal unitajiet ta' koġenerazzjoni aktar antiki hija kemxejn modifikata.

- Jenħtieġ li l-valuri ta' referenza għall-idroġenu nnegozjat u għall-idroġenu residwu jkunu l-istess u mhux mibdula (sitt rispondenti), peress li l-valuri ta' referenza ssuġġeriti ma humiex ibbażati fuq *data* operazzjonali.
  - L-unitajiet ta' koġenerazzjoni fuq il-gass naturali ħafna drabi jkunu mfasla biex ikunu "lesti għall-idroġenu" diġà minn issa. Valur ta' referenza aktar baxx għall-idroġenu jfisser li l-valur ta' referenza kkombinat se jkun iżgħar għall-unitajiet tal-gass naturali li jużaw l-idroġenu bħala t-tieni fjuwil. Għal unitajiet li jużaw diversi fjuwils, il-valur ta' referenza huwa valur medju ponderat, ibbażat fuq l-ishma individwali ta' kull fjuwil li jintuża fl-unità ta' koġenerazzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit valur ta' referenza separat għall-idroġenu nnegozjat sabiex jiġi evitat tnaqqis indirett fid-domandi għall-effiċjenza enerġetika għal unitajiet ta' koġenerazzjoni ġodda.
  - L-abbozz tal-att delegat ma nbidilx abbażi ta' dan il-feedback.
- Jenħtieġ li l-flessibbiltà tal-unitajiet ta' koġenerazzjoni tiġi ppremjata b'fattur ta' korrezzjoni speċifiku. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta analiżi li tħares lejn din il-kwistjoni speċifika u għandha tintroduċi fattur ta' korrezzjoni fir-rieżami li jmiss meta jkun rilevanti (żewġ rispondenti).
  - Bħalissa ma hemmx biżżejjed prova li l-impjanti ta' koġenerazzjoni jistgħu ma jkunux kapaċi jissodisfaw ir-rekwiżit dwar l-Iffrankar tal-Enerġija Primarja minħabba t-tħaddim flessibbli tagħhom.
  - Jenħtieġ li d-disinn tas-suq tal-elettriku jipprovdi sinjali xierqa biex jinkoraġġixxi t-tħaddim flessibbli tal-impjanti ta' koġenerazzjoni.
  - Iddaħħlet premessa speċifika li tenfasizza l-ħtieġa li dan l-aspett jitqies fir-rieżami li jmiss.
- Jenħtieġ li l-valuri ta' referenza għall-iskart (kategorija tal-fjuwil S6) ikunu ogħla (żewġ rispondenti).
  - Għalkemm id-*data* operazzjonali ta' tali impjanti miġbura matul ix-xogħol preparatorju kienet limitata, din ma tikkonfermax li valur ta' referenza ogħla huwa xieraq.
  - L-abbozz tal-att delegat ma nbidilx abbażi ta' dan il-feedback.
- Tiġi stimolata t-tranżizzjoni mill-bijogass għall-bijometan permezz ta' valuri ta' referenza peress li hija waħda mill-ambizzjonijiet fil-komunikazzjoni REPowerEU (rispondent wieħed).
  - L-intervent regolatorju permezz ta' att delegat dwar il-valuri ta' referenza huwa miżura indiretta biex tiġi indirizzata din il-problema. Il-mekkaniżmi tas-suq huma miżuri aktar xierqa biex jinkoraġġixxu t-titjib tal-bijogass għall-bijometan.
  - L-abbozz tal-att delegat ma nbidilx abbażi ta' dan il-feedback.
- Id-differenzjazzjoni tal-valur ta' referenza għall-gass naturali abbażi tad-daqs tal-unitajiet ta' koġenerazzjoni u l-introduzzjoni ta' żewġ kategoriji: ogħla minn 100 MW<sub>el</sub> u inqas minn 100 Mw<sub>el</sub> (rispondent wieħed).
  - Fil-ħidma preparatorja tal-att delegat, ma nstabt l-ebda evidenza suffiċjenti li tiġġustifika s-separazzjoni tal-kategoriji.

- L-abbozz tal-att delegat ma nbidilx abbażi ta' dan il-feedback.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

#### **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Ir-Regolament Delegat jipprovdi sett ġdid ta' valuri ta' referenza għall-produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku li għandhom jintużaw mill-1 ta' Jannar 2024.

Jagħgorna l-valuri ta' referenza għall-produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku b'sorsi ġodda tal-enerġija u jikkoreġi xi wħud mill-valuri ta' referenza attwali.

#### **Bażi ġuridika**

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta dan ir-Regolament Delegat permezz tal-Artikolu 14(10) u l-Artikolu 22(1) tal-EED.

#### **Prinċipju tal-proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament Delegat ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jilħaq l-objettiv tiegħu. Ir-Regolament Delegat għandu l-għamla ta' Regolament emendatorju li japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Dan jiżgura li l-amministrazzjonijiet nazzjonali u tal-UE ma jġarrbu l-ebda kost għat-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

#### **Għażla tal-istrument**

Strument propost: Regolament Delegat. Peress li r-Regolament Delegat jemenda ir-Regolament eżistenti, dan huwa l-uniku strument xieraq.

#### **Implikazzjoni baġitarja**

Ir-Regolament Delegat ma għandu l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 4.7.2023

## li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2402 fir-rigward tar-rieżami tal-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku u s-sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(10) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2402<sup>2</sup> stabbilixxa valuri ta' referenza armonizzati rieżaminati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku u tas-sħana, bħala matriċi ta' valuri differenzjati b'fatturi rilevanti, inkluż is-sena ta' kostruzzjoni u t-tipi ta' fjuwil, ikkomplementati b'fatturi ta' korrezzjoni marbuta mas-sitwazzjoni klimatika medja u t-telf evitat mill-grilja.
- (2) Il-Kummissjoni wettqet rieżami ta' dawn il-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza ("ir-rieżami") għall-produzzjoni separata tal-elettriku u tas-sħana, billi qieset id-*data* mill-użu operazzjonali taħt kundizzjonijiet realistċi, mogħtija mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati. Bħala riżultat tal-iżviluppi fl-aħjar teknoloġija disponibbli u ekonomikament ġustifikabbli, osservati matul il-perjodu ta' rieżami mill-2016 sal-2021, id-distinzjoni li saret fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2402 fir-rigward tas-sena ta' kostruzzjoni tal-unità ta' koġenerazzjoni jenħtieġ li tinżamm b'rabta mal-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku.
- (3) Ir-rieżami wera l-ħtieġa li jiġu inklużi fjuwils ġodda u teknoloġiji emerġenti li jistgħu jintużaw b'mod aktar wiesa' jew jiġu introdotti fil-koġenerazzjoni. Għalhekk, il-lista tas-sorsi tal-enerġija b'valuri ta' referenza speċifiċi jenħtieġ li tiġi estiża biex tinkludi wkoll il-gassijiet elettronċi u l-idroġenu nnegożjat. Fir-rigward tal-idroġenu nnegożjat, jenħtieġ li jiġu stabbiliti valuri ta' referenza separati biex tiżied l-effiċjenza tal-użu tal-idroġenu f'unitajiet kbar ta' koġenerazzjoni.
- (4) Ir-rieżami jappoġġa l-użu tal-valur ta' referenza uniku għall-produzzjoni separata tal-elettriku għall-fjuwils fossili kollha, abbażi tal-użu tal-gass naturali fl-impjanti tal-enerġija tat-turbini tal-gass b'ċiklu kkombinat. Il-bini ta' unitajiet ġodda ta' koġenerazzjoni li jużaw fjuwils fossili likwidi jew solidi ma huwiex f'konformità mal-

<sup>1</sup> ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.

<sup>2</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2402 tat-12 ta' Ottubru 2015 li jirrevedi l-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku u s-sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/877/UE (ĠU L 333, 19.12.2015, p. 54).

objettivi fit-tul tal-politika dwar l-enerġija u l-klima tal-Unjoni. Għalhekk, sabiex jiġu evitati bidliet retroattivi għall-iskemi attwali, il-valuri ta' referenza jenħtieġ li jiġu aġġornati u jkunu applikabbli għall-unitajiet ta' koġenerazzjoni ġodda u sostanzjalment rinnovati li jikkunsmaw il-fjuwils fossili li jibdew joperaw mill-1 ta' Jannar 2024.

- (5) Ir-rieżami wera li l-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tas-sħana jenħtieġ li jinbidlu biss fir-rigward tal-fjuwils fossili. Is-sett il-ġdid ta' valuri ta' referenza għall-fjuwils fossili huwa stabbilit abbażi ta' bojlers tas-sħana biss li jużaw il-gass naturali u jenħtieġ li jkun applikabbli għal unitajiet ġodda jew sostanzjalment rinnovati għal produzzjoni separata ta' sħana kompluta mill-1 ta' Jannar 2024.
- (6) Jeħtieġ li jkun hemm kundizzjonijiet stabbli għall-investiment fil-koġenerazzjoni, u l-fiduċja kontinwa tal-investitur, u għaldaqstant huwa xieraq li jiġu ffissati l-valuri armonizzati ta' referenza għall-elettriku u s-sħana.
- (7) Wieħed mill-objettivi tad-Direttiva 2012/27/UE huwa li tippromwovi l-koġenerazzjoni sabiex tiġi ffrankata l-enerġija, u għalhekk jenħtieġ li jingħata inċentiv għall-modifika retroattiva ta' unitajiet ta' koġenerazzjoni aktar antiki sabiex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tagħhom. Sabiex jiġi pprovdut tali inċentiv, u f'konformità mar-rekwiżit li l-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza jkunu bbażati fuq il-prinċipji stabbiliti fil-punt (f) tal-Anness II tad-Direttiva 2012/27/UE, il-valuri ta' referenza tal-effiċjenza għall-elettriku applikabbli għal unità ta' koġenerazzjoni jenħtieġ li jidiedu mill-11-il sena wara s-sena ta' kostruzzjoni tagħha skont ir-regoli fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2402.
- (8) Il-ġenerazzjoni termali qiegħda ssir dejjem aktar importanti għas-sigurtà, għar-reżiljenza u għall-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija. It-tħaddim ta' xi sistemi ta' koġenerazzjoni jista' jinbidel biex jipprovidi sigurtà tal-provvista, flessibbiltà jew servizzi anċillari għas-sistema tal-elettriku, skont l-applikazzjoni. Ir-reviżjonijiet futuri tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2402 għandhom jespjoraw l-evoluzzjoni tal-livelli ta' effiċjenza, peress li l-impjanti tal-enerġija termali jridu jadattaw l-operat tagħhom biex isiru aktar flessibbli b'reazzjoni għall-intermittenza tal-enerġija rinnovabbli u għall-elettrifikazzjoni min-naħa tad-domanda.
- (9) Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/2402 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2402 huwa emendat kif ġej:

L-Annessi I u II huma sostitwiti bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

L-Anness IV huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4.7.2023

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*